## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 411/2021 MS*

**Carmelo u Mary Iris konjuġi Ebejer**

**Vs.**

**John Brian sive Brian u Emily konjuġi Engerer**

Illum, 30 ta' Settembru, 2024

Kawża Numru: 17

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fid-29 t'April, 2021, li bih wara li ppremettew dan li ġej:

> Illi permezz ta' sentenza moghtija nhar il-15 ta' Jannar 2014
> fl-ismijiet inversi (Cit. Nru. 781/2011 JPG), din l-Onorabbli

Qorti laqghat it-talbiet tal-konjugi Engerer, illum l-intimati, u:

(i) Iddikjarat illi l-konjugi Engerer, l-atturi f'dik il-kawza, sofrew u ghadhom isofru danni fil-fond Baslow, triq is-Sajjieda, San Giljan, minhabba x-xoghlijiet intraprizi mill-konjugi Ebejer, ir-rikorrenti odjerni, minhabba l-abbandun tal-istess u l-kundizzjoni tal-fond tal-konjugi Ebejer, u illi ghal dawn id-danni huma responsabbli l-istess konjugi Ebejer;

(ii) Illikwidat l-ammont ta' danni subiti mill-konjugi Engerer, b'konsegwenza tal-komportament tal-konjugi Ebejer, fis-somma ta' €3,482.24 (tlett elef erba'mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha w ghoxrin centezmi);

(iii) Ikkundannat lill-konjugi Ebejer ihallsu s-somma ta' €3,482.24 (tlett elef erba' mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha w ghoxrin centezmi), danni kollha subiti mill-konjugi Engerer;

(iv) Ikkundannat lill-konjugi Ebejer jaghmlu ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex tigi rimedjata din is-sitwazzjoni, kif indikat mill-Perit nominat l-arkitett Godwin Abela fir-relazzjoni tieghu minn fol. 72 sa 73 tal-process ta' dik il-kawza, kif ukoll illi jerga' jitwahhal it-tank tal-ilma tal-konjugi Engerer, u dana kollu taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-istess Perit Godwin Abela li gie nominat mill-Qorti ghal dak il-ghan, u dana fi zmien perentorju ta' 4 (erba') xhur mid-data tas-sentenza imsemmija;

(v) Awtorizzat lill-konjugi Engerer sabiex fin-nuqqas, jaghmlu ix-xogholijiet huma stess a spejjez tal-konjugi Ebejer;

Illi r-rikorrenti Ebejer hallsu lill-intimati Engerer l-ammont ta' €3,482.24 kif ordnat mill-Qorti ai termini tat-tielet paragrafu tad-decide tas-sentenza fuq imsemmija moghtija nhar il-15 ta' Jannar 2014;

Illi 'l bicca l-kbira mix-xogholijiet ordnati ai termini tar-raba paragrafu tad-decide tas-sentenza fuq imsemmija moghtija nhar il-15 ta' Jannar 2014 saru mir-rikorrenti Ebejer, filwaqt li parti zghira minn dawn ix-xogholijiet li gew ordnati skont l-istess sentenza saru minn terzi inkarigati mill-intimati Engerer;

Illi pero', fuq ammissjoni tal-konjugi Engerer stess, tali xogholijiet ma sarux mill-intimati Engerer taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Godwin Abela nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan, u ghalhekk tali xogholijiet ma sarux ai termini tas-sentenza msemmija moghtija nhar il-15 ta' Jannar 2014;

Illi di piu', whud minn dawn ix-xogholijiet li saru mill-intimati Engerer huma oltre x-xogholijiet li kellhom jitwettqu ai termini tar-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela u tas-sentenza in kwistjoni, filwaqt li xi xogholijiet ohra ma kienux elenkati fl-istess relazzjoni tal-Perit Abela u ghalhekk saru mill-intimati minn jeddhom minghajr ebda dritt jew awtorizazzjoni tal-Qorti;

Illi wara li twettqu dawn ix-xogholijiet imsemmija da parte ta' terzi inkarigati mill-intimati Engerer, l-intimati Engerer talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Nru. 700/2019) ghall-ammont ta' disat elef, mija u hamsin Ewro (€9,150) rapprezentanti allegati spejjez inkorsi, skont ricevuti annessi mal-istess mandat, wara s-sentenza msemmija tal-15 ta' Jannar 2014;

Illi l-intimati Engerer m'ghandhomx favur taghhom titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont minnhom reklamat ta' disat elef, mija u hamsin Ewro (€9,150) in kwantu tali ammont ma jirrizultax la mis-sentenza msemmija moghtija nhar il-15 ta' Jannar 2014 u lanqas mir-rapport tal-Perit Godwin Abela inkarigat mill-Qorti;

Illi l-ammont reklamat mill-intimati Engerer gie likwidat minnhom stess, minghajr ma gie kkonfermat mill-Qorti jew mill-Perit Abela, u jirrigwarda xogholijiet li ma sarux taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-istess Perit Abela li kien gie nominat mill-Qorti ghal dak il-ghan u jinkludi wkoll xogholijiet zejda u addizzjonali li ma kienux elenkati fir-rapport tal-Perit Abela;

Illi ghalhekk, il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi fl-ismijiet *John Brian Engerer u Martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Nru. 700/2019) m'hu bbazat fuq l-ebda titolu ezekuttiv u konsegwentement ghandu jigi mhassar u revokat;

Illi konsegwentement ghall-mandat ta' sekwestru in ezami, is-socjeta' HSBC Bank Malta plc kellha fil-pussess taghha l-ammont ta' elfejn mija u erbgha u sebgin Ewro u disgha u disghin centezmu (€2,174.99) appartenenti lir-rikorrenti, minn liema ammont HSBC Bank Malta plc iddepozitat l-

ammont ta' elfejn u tlieta u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,073.55) fir-Registru ta' din l-Onorabbli permezz tac-cedola ta' depozitu fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Nru. 1172/2019) filwaqt li l-bilanc ta' mija u Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€101.44) gie approprjat minn HSBC Bank Malta plc bhala drittijiet u spejjez tal-istess cedola ta' depozitu;

Illi l-intimati gew awtorizzati jizbankaw l-imsemmi ammont ta' elfejn u tlieta u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,073.55) permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Frar 2020 fl-atti tac-cedola msemmija (Rik. Nru. 774/19 TA);

Illi l-mandat ta' sekwestru in ezami fl-ismijiet *John Brian Engerer u Martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Nru. 700/2019) ghadu fis-sehh bi pregudizzju u a dannu tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

ipproċedew biex talbu lil din il-Qorti jogħġobha:

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li x-xogholijiet imwettqa fuq inkarigu tal-intimati in segwitu ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Cit. Nru. 781/2011 JPG) ma sarux ai termini tal-istess sentenza in kwantu ma twettqux taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Godwin Abela nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan;

(2) Tiddikjara u tiddeciedi li xi whud mix-xogholijiet imwettqa fuq inkarigu tal-intimati m'humiex elenkati fir-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela u ghalhekk l-intimati m'ghandhomx dritt jithallsu ghall-istess xogholijiet da parte tar-rikorrenti in kwantu tali xogholijiet ma sarux ai termini tal-istess sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Cit. Nru. 781/2011 JPG);

(3) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati m'ghandhomx titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' disat elef mija u hamsin Ewro (€9,150) in kwantu tali ammont ma giex likwidat mill-Qorti jew taht l-

Awtorita' taghha u m'huwiex ai termini tas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Cit. Nru. 781/2011 JPG);

(4) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet *John Brian Engerer u Martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Nru. 700/2019) m'hu bbazat fuq l-ebda titolu ezekuttiv;

(5) Thassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet *John Brian Engerer u Martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Nru. 700/2019);

(6) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati ma kellhomx dritt li jizbankaw l-ammont ta' elfejn u tlieta u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,073.55) mill-atti tac-cedola ta' depozitu fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Nru. 1172/2019) in kwantu tali depozitu u sussegwenti zbank saru fir-rigward ta' ammont effettivament mhux dovut u wara mandat ta' sekwestru illum imhassar u rrevokat;

(7) Tiddeciedi u tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn mija u erbgha u sebgin Ewro u disgha u disghin centezmu (€2,174.99) in kwantu rifuzjoni tal-ammont ta' elfejn u tlieta u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,073.55) li gie zbankat mill-intimati mill-atti tac-cedola ta' depozitu fir-Registru ta' din l-Onorabbli fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Nru. 1172/2019) u in kwanti ghall-bilanc ta' mija u Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€101.44) li kien gie approprjat minn HSBC Bank Malta plc bhala drittijiet u spejjez tal-istess cedola ta' depozitu, bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata mressqa mill-konvenuti fis-6 ta' Lulju 2021, li biha huma eċċepew hekk:

1. Illi t-talbiet ta' l-Atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 700/2019 fl-ismijiet John Brian Engerer u martu Emily Engerer -v- Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer huwa valid skond il-ligi,

kif kien dikjarat fid-digriet fl-atti tal-mandat fit-22 ta' Novembru 2019;

2. Illi s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Jannar 2014 indikata fir-rikors guramentat, ma tat l-ebda ordni li x-xogholijiet imwetqa mill-Konvenut, f'dawn il-proceduri, ghandhom isiru taht direzzjoni tal-Perit Godwin Abela. Jekk wiehed jaqra d-decide tas-sentenza hawn fuq imsemmija, l-obbligu kien jekk ix-xogholijiet saru mill-Atturi ta' dawn il-proceduri, il-Konjugi Ebejer. Skond paragrafu 4 tas-sentenza jekk ghaddew erba xhur mis-sentenza, il-Konvenuti, konjugi Engerer kellhom id-dritt li jwetqu x-xogholijiet huma a spejjes tal-Konjugi Ebejer, izda l-Qorti ma qaletx li kellu jkun taht direzzjoni tal-Perit Godwin Abela. Dan ghaliex il-Perit Godwin Abela ghamel rapport tekniku fuq liema xogholijiet ghandhom isiru u qatt ma ta stima tax-xogholijiet;

3. Illi fil-proceduri ta' disprezz tal-Qorti fil-konfront tal-konjugi Ebejer, l-Atturi kellhom jaghmlu l-kumplament tax-xogholijiet li kienu gew ordnati fis-sentenza ta'dina l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Jannar 2014;

4. Illi s-somma ta' disat elef mija u hamsin Euro (€9,150) intefqu kollha fuq ix-xogholijiet li kienu suggett tal-kawza hawn fuq imsemmija (Dok A);

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom, kompriżi dawk allegati mal-atti tal-kawża odjerna, u ċjoè l-atti tal-kawżi bin-numru 781/2011 JPG, 774/2019 TA, u 781/2011/2, ilkoll fl-ismijiet inversi;

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mid-difensuri tal-kontendenti;

6. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija kawża dwar id-dritt tal-konvenuti li jirkupraw, bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv li huma jgħidu li għandhom, spejjeż mingħand l-atturi nkorsi b'rabta mal-eżekuzzjoni ta' sentenza definittiva.

8. Il-konvenuti Engerer huma sidien tal-proprjetà magħrufa bl-isem "Baslow", fi Triq is-Sajjieda f'San Ġiljan, li jiġi taħt proprjetà oħra li tappartjeni lill-atturi.

9. B'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 2014 wara r-rikors ġuramentat bin-numru 781/2011 fl-ismijiet "John Brian sive Brian Engerer u martu Emily Engerer vs. Carmelo Ebejer u martu Mary Iris Ebejer"[1], ġie deċiż hekk:

> Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi billi:
>
> 1. Tiddikjara illi l-atturi sofrew u ghadhom isofru danni fil-fond Baslow, triq is-Sajjieda, San Giljan, minhabba x-xoghlijiet intraprizi mill-konvenuti, minhabba l-abbandun tal-istess u l-kundizzjoni tal-fond tal-konvenuti, u illi ghal dawn id-danni huma responsabbli l-istess konvenuti;
>
> 2. Tillikwida, l-ammont ta' danni subiti mill-atturi, b'konsegwenza tal-komportament tal-konvenuti Carmelo u Mary Iris Ebejer fis-somma ta'€3,482.24 (tlett elef erba'mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha w ghoxrin centezmi);
>
> 3. Tikkundanna lill-konvenuti Carmelo u Mary Iris Ebejer ihallsu s-somma ta'€3,482.24 (tlett elef erba'mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha w ghoxrin centezmi), danni kollha subiti mill-atturi;
>
> 4. Tikkundanna lill-konvenuti Carmelo u Mary Iris Ebejer jaghmlu ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex tigi rimedjata din is-sitwazzjoni, kif indikat mill-Perit nominat l-arkitett Godwin Abela fir-relazzjoni tieghu minn fol. 72 sa 73 tal-process, kif ukoll illi jerga' jitwahhal it-tank tal-ilma tal-atturi, u dana kollu taht id-direzzjoni u supervizjoni talistess Perit Godwin Abela li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghal dan l-ghan, u dana fi zmien perentorju ta' 4 (erba') xhur mid-data ta' din is-sentenza;

---

[1] Kopja informali ta' din is-sentenza ġiet eżebita a fol.7.

> 5. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas, jaghmlu ix-xoghlijiet huma stess a spejjez tal-konvenuti.
>
> Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

10. Fir-relazzjoni li kienet estiża mill-Perit Tekniku Godwin Abela, u preċiżament f'dawk il-partijiet li jinsabu fil-folji 72 u 73 tal-atti tal-kawża bin-numru 781/2011 fl-ismijiet inversi, l-Perit Abela identifika x-xogħlijiet rimedjali neċessarji fil-paragrafu (v) tal-konklużjonijiet tiegħu, liema paragrafu jaqra hekk:

> Illi fl-opinjoni tal-esponent il-miżuri w x-xogħolijiet rimedjali li għandhom jiġu ordnati jagħmlu l-konvenuti għandhom jinkludu:
>
> - Tibdil ta' dawk is-soqfa li waslu fi stat prekarju.
> - Tiswija ta' dawk is-soqfa li jistgħu jiġu miżmuma.
> - Tneħħija tal-materjali kollha minn fuq il-bejt inklużi t-tankijiet u l-membrane eżistenti.
> - Tpoġġija ta' waterproofing membrane ġdida.
> - Tpoġġija tat-tankijiet tal-ilma maqlugħin.
> - Tiswija u ssiġillar tal-opra morta.
> - Tpoġġija ta' membrane fuq it-terrazzin estiż li hu espost għall-elementi.
> - Għeluq tal-fond fejn hemm aperturi neqsin jew miksurin.
> - Tiswijiet tal-faċċati w tat-taraġ estern.

11. L-atturi odjerni appellaw mis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2014, iżda ċedew l-appell tagħhom b'nota preżentata fit-22 ta' Marzu 2016.

12. Mix-xiehda jirriżulta li l-atturi ltaqgħu mal-Perit Abela fuq il-post in kwistjoni, li fisser ix-xogħlijiet li kellhom isiru[2]. L-attur xehed li huwa ltaqa' ma' dewmien biex iwettaq is-sentenza minħabba li ried jikseb permess ta' żvilupp biex ibiddel is-soqfa, u wara l-ksib tal-permess, ried isib bennej biex jagħmel dan ix-xogħol. Fisser ukoll li x-xogħol l-ieħor ordnat b'din is-sentenza ma setax isir qabel jinbidlu s-soqfa. L-attur qal li huwa laħaq għamel (i) il-bdil tas-soqfa, (ii) tqegħid ta' tank tal-ilma fuq il-bejt, (iii) tindif fuq il-bejt; (iv) tiswija tal-opramorta skont l-ordnijiet tal-Perit Abela, li kienu jikkomprendu

[2] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.32.

direzzjoni biex l-opramorta tinżebagħ ukoll min-naħa ta' barra[3], (v) xogħol ta' *waterproofing* li sar permezz ta' *liquid membrane*, wara li l-Perit Abela ma kienx ta direzzjoni dwar il-kwalità tal-materjal li kellu jintuża għal dan ix-xogħol. L-attur jgħid li dan ix-xogħol kellu jsir mill-ġdid fuq direzzjoni tal-Perit Abela li ma kienx sodisfatt, salv għal post fejn tqiegħed it-tank tal-ilma tal-konjuġi Engerer, billi dawn ma riedux iċaqalquh għalkemm intalbu, (vi) xogħlijiet fuq il-faċċata u postijiet oħrajn. Dwar dawn l-aħħar xogħlijiet, l-attur xehed li ġie ndikat lilu mill-Perit Abela x'kellu jsir u fejn. Dan ix-xogħol sar fuq il-faċċata li tagħti għal fuq Triq is-Sajjieda kif ukoll fit-taraġ li jagħti għal fuq il-bejt, fis-saqaf tal-gallarija li tisporġi fuq l-istess triq, u fl-art tal-gallarija fil-proprjetà tal-atturi fejn jiltaqa' l-aluminju tal-gallariji fil-proprjetà tal-konvenuti. L-attur jgħid li l-Perit Abela ma kienx tah ordnijiet sabiex isiru xogħlijiet fuq il-faċċata li tagħti għal fuq Triq Mensija u lanqas fuq il-faċċata bejn Triq is-Sajjieda u Triq Mensija. L-attur xehed ukoll li l-Perit Abela qatt ma kien tah struzzjonijiet biex ibaqqan, jiksi u jiżbogħ xi parti mill-blokk[4].

13. Fit-2 ta' Mejju 2019, l-atturi rċievew ittra mingħand avukat imqabbad mill-konvenuti flimkien ma' tliet riċevuti fiskali għal ammont li kumplessivament kien jiġi €9,150, u dan għal xogħlijiet fuq il-faċċata. Peress li l-atturi dehrilhom li x-xogħlijiet in kwistjoni ma kienux parti mix-xogħlijiet ordnati mis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014 u saru mill-konvenuti biss biex jagħtu dehra aħjar lill-proprjetà tagħhom, huma rrifjutaw li jħallsu dawn l-ispejjeż.

14. Flimkien mal-ittra msemmija, l-atturi rċevew ukoll rapport miktub minn ċertu Ebrahem Hamood[5], bi spjegazzjoni dwar ix-xogħlijiet li saru mill-konvenuti u li għalihom kien qed jintalab il-ħlas tas-somma ta' €9,150. In suċċint, dawn ix-xogħlijiet kienu jikkonsistu minn:

   i. bini mill-ġdid tal-opramorta;
   ii. tbaqqin u tqaxxir tal-faċċata;
   iii. tqaxxir tal-ixkaffa ta' fuq nett tal-faċċata, li kellha tingħata *membrane* ġdid;

[3] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.33.
[4] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.33.
[5] A fol.38.

iv. tindif, tbaqqin, ikkurar u tiżbigħ ta' żewġ gallariji fis-sular ta' fuq, li kienu fi stat ħażin ħafna;

v. fuq wieħed mis-soqfa li kien bla kontrabejt, sar *membrane*[6];

vi. kisi u tibjid tal-blokk kollu.

15. Il-konvenut fisser li l-atturi m'għamlux ix-xogħlijiet li ġew ordnati li jagħmlu, imma kienu biss bidlu l-konkos tal-bejt tagħhom, u m'għamlu ebda xogħol mal-ġnub u lanqas ma għamlu *membrane* jew *waterproofing*. Minħabba f'hekk, baqa' dieħel l-ilma fil-proprjetà tal-konvenuti[7]. Il-konvenut jgħid li huwa kiteb bl-avukat kif ukoll personalment lill-atturi u lill-Perit Abela, iżda ma sar xejn u wara xi ħames snin mis-sentenza, kien beda proċeduri kontra l-atturi dwar disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti.

16. Dawn il-proċeduri nbdew b'rikors preżentat fl-24 t'April 2019. Waqt smigħ miżmum fl-4 ta' Ġunju 2019[8], il-Perit Abela ġie dirett mill-Qorti biex jaċċedi għall-fondi in kwistjoni u «*fuq li jara jistabilixxi jekk ix-xogħlijiet li kienu ordnati li jsiru bis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014 sarux fl-intier tagħhom jew le. Fil-każ illi jirriżulta li xi xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa jew xogħlijiet addirittura ma sarux, allura għandu jindika bi preċiż u jagħti d-dettalji…*». B'relazzjoni estiża fl-4 ta' Lulju 2019[9], il-Perit Abela fisser lill-Qorti dan li ġej:

> 4. Illi fl-aċċess ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li nżamm fl-24 ta' Ġunju 2019 l-esponent ikkonstata s-segwenti b'referenza għall-elenku ta' xogħolijiet li kellhom isiru:
>
> - Tibdil ta' dawk is-soqfa li waslu fi stat prekarju – dan ix-xogħol sar.
> - Tiswija ta' dawk is-soqfa li jistgħu jiġu miżmuma – dan ix-xogħol sar parzjalment.
> - Tneħijja tal-materjali kollha minn fuq il-bejt inklużi t-tankijiet u l-membrane eżistenti – dan ix-xogħol sar parzjalment fis-sens li ħafna materjal tneħħa però l-membrane l-qadima ma tneħħitx u għad hemm numru ta' oġġetti fuq il-bejt.
> - Tpoġġija ta' waterproofing membrane ġdida – dan ix-xogħol ma sarx.

[6] Kif spjegat mill-konvenut waqt ix-xiehda tiegħu in kontro-eżami a fol.89. Il-kontrabejt innifsu sar in segwitu mill-attur, kif jirriżulta mill-istess xiehda (*loc. cit.*).
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.44.
[8] Ara fol.8 tal-atti tal-proċeduri numru 781/2011/2.
[9] Ara fol.10 tal-atti tal-proċeduri numru 781/2011/2.

- Tpoġġija tat-tankijiet tal-ilma maqlugħin – dan ix-xogħol sar.
- Tiswija u ssiġillar tal-opramorta – dan ix-xogħol sar però skont kif intqal lill-esponent, sar mill-atturi[10].
- Tpoġġija ta' membrane fuq it-terrazzin estiż li hu espost għall-elementi – dan ix-xogħol ma sarx.
- Għeluq tal-fond fejn hemm aperturi neqsin jew miksurin – dan ix-xogħol sar għajr għal tieqa waħda li kellha l-ħġieġ miksur.
- Tiswija tal-faċċati u tat-taraġ estern – dan ix-xogħol sar però skond kif intqal lill-esponenti, sar mill-atturi.

17. Fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2019, il-Qorti tat xahar lill-konvenuti (ċjoè l-atturi fil-kawża odjerna) biex jagħmlu x-xogħlijiet indikati bħala mhux kompletati mill-Perit Abela. Fl-udjenza sussegwenti, li nżammet fit-3 t'Ottubru 2019, ġie ddikjarat li x-xogħlijiet li kellhom isiru kienu saru għas-sodisfazzjoni tal-konvenuti Engerer, u għalhekk il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

18. Jidher li kien ftit qabel li nbdew dawn il-proċeduri dwar disprezz li l-konvenuti kienu nkarigaw kuntrattur u għamlu xogħlijiet li, skonthom, kellhom isiru mill-atturi skont is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014[11]. Il-konvenut Ebejer fil-fatt xehed u kkonferma li l-ispiża ta' €8,850[12] kienet interament dwar xogħol li sar fuq il-faċċati, fuq it-taraġ esterni u l-gallariji. Din is-somma tidher li tħallset mill-konvenuti fil-21 t'April 2019. L-ammont ta' €300 mbagħad intefaq fl-istess żminijiet għal servizzi ta' saħħa u siġurtà fuq is-sit tax-xogħlijiet[13].

19. Peress li l-atturi baqgħu ma ħallsux, fit-30 ta' Mejju 2019 il-konvenuti talbu l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 700/2019 fil-konfront tagħhom, għas-somma ta' €9,150, kif ukoll għall-ispejjeż tal-istess mandat. B'dikriet mogħti dakinhar stess, it-talba ġiet milqugħa.

20. Fid-29 t'Ottubru 2019, l-atturi ressqu rikors skont l-artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li bih talbu r-revoka tal-att eżekuttiv spedit fil-konfront tagħhom. Il-konvenuti kkontestaw it-talba bi tweġiba mressqa fil-15 ta'

[10] Ċjoè l-konvenuti f'din il-kawża.
[11] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-konvenut, a fol.84.
[12] Ara fol.25.
[13] Ara fol.26 u 27.

Novembru 2019. Wara li l-partijiet preżentaw dokumenti u nstemgħa l-Perit Abela, ingħata dikriet fit-22 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu it-talba għar-revoka ġiet respinta minħabba li r-raġuni tagħha ma kinitx tidħol fit-tifsira ta' "raġuni valida" mogħtija taħt l-artikolu 281[14].

21. B'konsegwenza tal-mandat ta' sewkestru fuq imsemmi, ġiet depożitata s-somma ta' €2,073.55 permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1172/2019. B'rikors tal-15 ta' Lulju 2019, il-konvenuti talbu l-iżbank ta' din is-somma, liema talba ġiet opposta mill-atturi fid-29 ta' Lulju 2019. Dan ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ, u wara li l-Qorti semgħet lid-difensuri tal-partijiet f'udjenza li nżammet fit-28 ta' Jannar 2020[15], b'dikriet mogħti fis-6 ta' Frar 2020, intlaqgħet it-talba għall-iżbank. Is-somma depożitata ġiet fil-fatt żbankata fl-20 ta' Frar 2020[16].

22. Huwa paċifiku li x-xogħlijiet li saru mill-konvenuti ma sarux taħt is-sorveljanza tal-Perit Godwin Abela[17]. Huwa wkoll paċifiku li x-xogħol li sar fuq il-faċċata mill-konvenuti sar ukoll fuq il-faċċata tal-proprjetà tagħhom stess[18]. Dwar l-opramorta, l-konvenut Engerer sostna li din kellha tinbena mill-ġdid għaliex l-atturi kienu ħattewha u ma reġgħux għamluha[19].

23. Fl-atti ta' din il-kawża ġie nominat bħala Perit Tekniku il-Perit Godwin Abela, li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fil-25 ta' Lulju 2023[20]. Minn din ir-relazzjoni jirriżultaw is-segwenti konklużjoni, li din il-Qorti sejra tiċċita *verbatim*:

> Kif indikat fil-kopja tar-relazzjoni addizzjonali hawnhekk anness[21], Ebejer għamel ix-xogħolijiet kollha bl-eċċezzjoni tas-segwenti li saru minn Engerer …:
>
> - Tiswijiet u siġillar tal-opra morta
> - Tiswijiet tal-faċċati u tat-taraġ estern.
>
> L-esponenti ma jidhirlux li saru xi xogħolijiet li ma humiex ai termini tas-sentenza.

[14] Ara l-atti tar-rikors bin-numru 1039/2019 TA, allegati mal-kawża odjerna.
[15] Ara fol.70 tal-atti tar-rikors bin-numru 774/2019 TA, allegati mal-kawża odjerna.
[16] L-iżbank jidher li sar mill-Prokuratur Legali Ellul Sullivan.
[17] Ara d-dikjarazzjoni magħmula mid-difensur tal-konvenuti fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2021, a fol.29.
[18] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-konvenut, a fol.85.
[19] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-konvenut, a fol.86.
[20] A fol.108.
[21] Ir-riferenza tal-Perit Tekniku hija għar-rapport magħmul minnu fl-atti tar-rikors bin-numru 781/2011/2.

> …
>
> L-esponent jirriferi għar-relazzjoni addizzjonali u għas-sentenza fil-kawża Rikors Nru. 781/11 fl-ismijiet … … fejn hemm indikat li kellhom isiru tiswijiet fuq il-faċċati u t-taraġ estern. L-esponent jtenni li tali xogħolijiet kellhom ikunu ta' natura lokali[22] u ċioè tiswijiet tal-ħsarat mingħajr il-bżonn li jiġu trattati l-faċċati kollha fl-intier tagħhom. Jirriżulta mill-aħħar aċċess li fuq l-faċċata prinċipali fuq Triq is-Sajjieda, saru tiswijiet estensivi minn Engerer, fejn kien hemm kisi maqlugħ bix-xibka mikxufa, u ġiet miżbugħa l-faċċata kollha.
>
> …
>
> Dwar il-valur fis-suq tax-xogħolijiet li saru minn Engerer fit-termini tas-sentenza, l-esponent iqis is-segwenti:
>
> - Qlugħ tal-konkos fejn sar 'spalling tal-concrete cover fil-piz fuq il-faċċata u taħt it-taraġ estern, xkatlar u trattament appożitu u kisi mill-ġdid – lump sum ta' €1,000.
> - Żebgħa mill-ġdid tal-faċċata, circa 231 metri kwadri @ €5.00/mk = €1,155.
> - Total - €2,155 + VAT = €2,542.90 …

24. Dawn huma l-fatti li jemerġu mill-atti proċesswali eżaminati mill-Qorti, u li għalihom diġà saret riferenza aktar qabel.

Ikkunsidrat:

25. Illi l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi determinata f'din is-sentenza tirrigwarda l-interpretazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 2014. L-atturi jgħidu li l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-konvenuti biex jeżegwixxu x-xogħlijiet minflokhom kienet ukoll soġġetta għall-kondizzjoni li dan isir taħt is-sorveljanza tal-Perit Abela. Il-konvenuti, min-naħa tagħhom, jgħidu li dik il-parti mis-sentenza li awtorizzathom jagħmlu dawn ix-xogħlijiet ma ssemmix lill-Perit, u għalhekk huma ma kienux jeħtieġu s-superviżjoni tiegħu biex jagħmlu dak li s-sentenza awtorizzathom jagħmlu.

26. Fil-parti rilevanti tagħha, s-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014 tgħid hekk:

[22] Fl-eskussjoni, l-Perit Tekniku fisser li tiswija ta' natura lokali tfisser fejn ikun hemm bżonn, li jfisser li l-kisi jsir fejn ikun miftuħ hew maqlugħ, għalkemm imbagħad iż-żebgħa ssir kullimkien għall-uniformità (ara fol.121).

> Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi billi:
>
> ...
>
> 4. Tikkundanna lill-konvenuti Carmelo u Mary Iris Ebejer jaghmlu ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex tigi rimedjata din is-sitwazzjoni, kif indikat mill-Perit nominat l-arkitett Godwin Abela fir-relazzjoni tieghu minn fol. 72 sa 73 tal-process, kif ukoll illi jerga' jitwahhal it-tank tal-ilma tal-atturi, u dana kollu taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-istess Perit Godwin Abela li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghal dan l-ghan, u dana fi zmien perentorju ta' 4 (erba') xhur mid-data ta' din is-sentenza;
>
> 5. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas, jaghmlu ix-xoghlijiet huma stess a spejjez tal-konvenuti.
>
> ...

27. Huwa bil-wisq ovvju li l-ħames paragrafu tal-parti operattiva tas-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014 ma jistax jinqara waħdu – kemm hu hekk, biex wieħed jifhem x'ġew awtorizzati jagħmlu l-atturi (konvenuti f'din il-kawża), irid bil-fors jaqra l-paragrafu preċedenti, li jfisser liema huma x-xogħlijiet li l-konvenuti (atturi f'din il-kawża) ġew obbligati li jwettqu **taħt id-direzzjoni u s-sorveljanza tal-Perit Abela**. Il-konvenuti odjerni għalhekk ġew awtorizzati li jagħmlu huma stess dak li l-atturi odjerni ġew ordnati li jagħmlu, u ċjoè x-xogħlijiet indikati **taħt id-direzzjoni u s-sorveljanza tal-Perit Abela**.

28. L-ordni tal-Qorti kien ċar. Ix-xogħlijiet kellhom isiru taħt id-direzzjoni u s-sorveljanza tal-perit minnha nominat. Din hija prattika kostanti ta' dawn il-Qrati meta f'sentenzi jiġu ordnati li jsiru xogħlijiet. Il-perit nominat jassumi b'hekk ir-rwol ta' *lunga manus* tal-Qorti li ħatritu, biex jiġi assikurat li dak ordnat fis-sentenza jsir u jsir sew.

29. L-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qrati tista' tkun volontarja u tista' tkun forzata. L-istitut tal-eżekuzzjoni forzata huwa rimedju neċessarju u indispensabbli, li finalment jikkostitwixxi il-*fructus et finis legis*, u mingħajru l-Qrati ma jkunux jistgħu jespletaw il-mansjonijiet tagħhom b'mod effettiv. «*Adunque l'esecuzione forzata non è altro che la* reintegrazione coatta di un diritto leso, *del quale diritto la legale sussistenza emerge*

*da* sentenza*, o da altro atto a cui la legge accorda pure il valore di titolo esecutivo*»[23]. U dwar il-prinċipji bażilari li għandhom jirregolaw din il-materja, intqal hekk:

> In brevi termini; i principii regolatori delle disposizioni legislative sull'esecuzione si possono restringere a questi:
> 1° Rendere esecutiva ogni obbligazione la cui prova *è certa*, ed il cui titolo è munito del comando d'un ufficiale pubblico munito d'imperio;
> 2° Fare che l'esecuzione sia *spedita* e *sicura*, in modo da render certo il creditore che sarà soddisfatto;
> 3° Temperare o evitare tutti gli eccessi che potrebbero nuocere soperchiamente il debitore; senza però scemare la certezza o la speditezza dell'esecuzione.[24]

30. Meta l-obbligazzjoni li l-attur irid ifittex li jikkanonizza b'sentenza tkun waħda "di fare", il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna ġiet hekk imfissra fid-deċiżjoni ***Joseph Cassar vs. Gustavo Pisani*** (Prim'Awla, 10/11/1960)[25]: «*Rigward l-ewwel talba, għandu jingħad li l-oġġett tagħha huwa obbligazzjoni "di fare", prestazzjoni ta' fatt assunta mill-konvenut, b'mod speċjali għax-xogħol konċernenti l-mużajk; u għalhekk l-adempiment tagħha huwa, qabel xejn, dovut mid-debitur, skond il-prinċipju li jiggoverna l-obbligazzjonijiet l-oħra. Tant jista' wieħed jargumenta mill-art. 1168 (Kod. Ċiv.), li jimponi l-adempiment ta' kull obbligazzjoni mingħajr ebda limitazzjoni; kif ukoll mill-art. 1170 (Kod. ċitat), li jagħti lill-kreditur il-fakoltà li jeżegwiha a spejjeż tad-debitur b'awtorizzazzjoni tal-Qorti. Minn dan jidher illi d-debitur għandu d-dritt li jeżegwixxi "hu" l-obbligazzjoni, u li ma jħallix lil ħadd ieħor jeżegwiha floku… Konsegwentement, il-kreditur, bħal ma għamel l-attur, għandu jeżiġi, qabel kollox, li l-adempiment isir mid-debitur, f'dan il-każ mill-konvenut; jekk mbgħad id-debitur ma jobdix dik il-kundanna, il-kreditur ikollu żewġ rimedji oħra, jew li jikkostrinġi lid-debitur għall-eżekuzzjoni per mezz tal-mandat "in factum", jew li jitlob lill-Qorti li jkun awtorizzat li jieħu ħsieb jeżegwiha huwa nnifsu bi spejjeż tad-debitur*».

31. L-awtorizzazzjoni tal-Qorti hija meħtieġa u neċessarja inkella l-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni tkun tikkostitwixxi att illegali u vjolenti (***Lorenza Wismayer pro et noe***

[23] ***Mattirolo***, Trattato di Diritto Giudiziario Italiano (Torino, 1905), Vol.V, §248.
[24] ***Mancini, Pisanelli e Scialoja,*** Commentario del Codice di Procedura Civile per gli Stati Sardi (Torino, 1858), Vol.V, §CLX
[25] Kollezz. Vol.XLIV.ii.717.

***vs. Carmelo Busuttil***, Prim'Awla, 8/1/1954)[26]. U fejn l-eżekuzzjoni ssir mingħajr awtorizzazzjoni jew mhux skont dik l-awtorizzazzjoni, din ma tkunx skont il-liġi. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Nicholas Jensen pro et noe et vs. Kunsill Lokali Ta' Xbiex*** (Prim'Awla, 7/7/2004):

> Kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Bowick vs Fava et", deċiża fl-24 ta' Gunju, 1983, jkun hemm spoll anke jekk il-konvenut kien ġie awtorizzat jagħmel ix-xogħolijiet b'sentenza tal-Qorti; hu ma setax motu proprju u mingħajr l-intervent tal-Qorti jippriva lill-atturi mill-pussess tagħhom.

32. U kif tajjeb ġie osservat fid-deċiżjoni ***Lewis Spiteri vs. Alfred Laiviera*** (Kummerċ, 25/5/1950)[27]: «*Il-kreditur ta' obbligazzjoni "di fare", jekk, f'każ ta' inadempiment tad-debitur, jaġixxi bla awtorizzazzjoni, ma jitlefx id-dritt, imma jieħu r-riskju li ma jkunx rimborżat għal kollox jekk l-ispiża li jkun għamel tkun ġudikata eċċessiva*».

33. Dan kollu għalhekk ifisser li min ikun dovut obbligazzjoni "di fare" għandu jeżiġi qabel xejn li din titwettaq mid-debitur tiegħu, u fin-nuqqas jista' jew iġiegħel lid-debitur jeżegwixxi permezz tal-att eżekuttiv idonju, jew inkella jista' jitlob li jiġi mill-Qorti awtorizzat jeżegwixxi dik l-obbligazzjoni hu stess, bl-ispejjeż a karigu tad-debitur. Jekk hu jipproċedi skont din l-aħħar alternattiva, l-eżekuzzjoni għandha ssir bl-awtorizzazzjoni u skont dik l-awtorizzazzjoni, altrimenti dak magħmul jista' jinkorri sanzjonijiet legali, b'żieda mal-fatt li l-kreditur ikun qed iġorr ir-riskju tal-ispejjeż li jkun qed jagħmel.

34. Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta b'mod ċar li l-konvenuti odjerni eżegwew xi xogħlijiet li l-atturi m'għamlux, konsistenti prinċipalment fit-tiswija u ssiġillar tal-opramorta, u fit-tiswijiet tal-faċċati u tat-taraġ estern. Minflok, dawn ix-xogħlijiet saru mill-konvenuti, però ma sarux taħt is-sorveljanza u direzzjoni tal-perit nominat fis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014. Il-Qorti diġà tat il-fehma tagħha fis-sens li din in-nomina kienet testendi ruħha anki għall-eventwalità li jsiru x-xogħlijiet mill-

[26] Kollezz. Vol.XXXVIII.ii.411.
[27] Kollezz. Vol.XXXIV.iii.809.

konvenuti odjerni. L-effett ta' dan kollu huwa proprju li l-konvenuti b'hekk ħadu r-riskju li ma jiġux rimborżati tal-ispejjeż kollha li huma jgħidu li għamlu.

35. Il-Qorti rat ir-relazzjonijiet estiżi mill-Perit Abela kemm fl-atti ta' din il-kawża u kemm fl-atti l-oħrajn li ġew allegati mal-kawża odjerna, u fehmet li fiż-żewġ istanzi x-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti jmorru lil'hinn minn dak li kien oriġinarjament ordnat bis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014. L-opramorta ma kellhiex tinbena mill-ġdid imma tissewwa u tiġi ssiġillata. Il-faċċata u t-taraġ estern kellhom jirċievu tiswija lokalizzata, u mhux tiswijiet ġenerali kif fil-fatt ġara.

36. Il-Qorti ħadet qies ukoll tar-raġunijiet mogħtija mill-konvenuti odjerni għaliex ix-xogħlijiet eżegwiti minnhom (jew aħjar, minn terzi nkarigati minnhom) kellhom ikunu aktar estiżi. Huma fissru li l-atturi damu snin biex jeżegwixxu s-sentenza u b'hekk il-kondizzjoni tal-ambjenti li kellhom jiġu msewwija baqa' jiddeterjora, bil-konsegwenza li t-tiswijiet kellhom ikunu aktar ampji. Il-konvenut xehed ukoll li l-opramorta kellha tinbena mill-ġdid għaliex kienet ġiet żmantellata mill-atturi stess.

37. Iżda dawn ir-raġunijiet ma jgħinux lill-konvenuti. Mhux biss għaliex huma naqsu milli jġibu prova aktar konkreta dwar dak allegat minnhom – u ċjoè li l-opramorta kienet inħattet minn ħaddieħor u li l-kondizzjoni tal-faċċata kienet marret għall-agħar – iżda wkoll u b'mod ewlieni għaliex l-iskop tal-ħatra ta' perit biex jidderieġi u jissorvelja x-xogħlijiet kien proprju sabiex jiġi mill-Qorti aċċertat li dawn il-permutazzjonijiet li seħħew fil-mori tal-fażi eżekuttiva tas-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014 jiġu kkunsidrati mill-Perit Abela, li b'hekk seta' – prevja d-direzzjoni finali tal-Qorti – iħares li l-eżekuzzjoni ssir b'ħarsien lejn il-jeddijiet kollha tal-partijiet. Jekk allura kien se jirriżulta li l-ispejjeż biex isiru x-xogħlijiet in kwistjoni żdiedu għar-raġunijiet identifikati mill-konvenuti f'din il-kawża, il-Perit nominat mill-Qorti kien se jivverifika dawk l-ispejjeż u jiċċertifikahom, u ż-żieda fl-ispiża jerfugħa l-atturi la darba d-dewmien fl-eżekuzzjoni kien kompletament imputabbli lilhom. Dan l-aċċertament però ġie newtralizzat għal kollox bil-mod kif imxew il-konvenuti, u l-konsegwenzi issa jkollhom jinġarru minnhom.

38. Fir-rapport finali tiegħu, il-Perit Abela kien tal-fehma li x-xogħlijiet eżegwiti mill-konvenuti odjerni fit-termini tas-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014 ma kellhomx jiswew

aktar minn €2,542.90. Dan jidher li jinkludi wkoll it-tibjid tal-faċċata kollha, li kif spjega l-abbli Perit waqt l-eskussjoni, ma kellhiex issir b'mod lokalizzat sabiex tiġi preservata l-uniformità fid-dehra tal-faċċata.

39. Il-Qorti għalhekk ma tistax ħlief tikkonkludi li din hija s-somma dovuta mill-atturi lill-konvenuti għax-xogħlijiet eżegwiti minn dawn tal-aħħar skont il-preċitata sentenza.

40. Issa fit-talbiet tagħhom, l-atturi jitolbu wkoll it-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 700/2019, miksub mill-konvenuti fil-konfront tagħhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jagħmlu riferenza għall-artikolu 276 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u jsostnu li din il-kawża ma setgħetx issir mill-atturi qabel ma titwettaq l-eżekuzzjoni tal-mandat. Il-Qorti però ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Fl-ewwel lok, għaliex ma jidhirx li saret eċċezzjoni f'dan is-sens fir-risposta ġuramentata, u kif inhu magħruf, ma jistgħux jiġu sollevati eċċezzjonijiet ġodda f'noti ta' sottomissjonijiet. Fit-tieni lok, għaliex jidher li l-interpretazzjoni korretta ta' dik id-dispożizzjoni hija dik li tipprekludi s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat, imma mhux li l-eżekuzzjoni tiġi kontestata b'rikors ġuramentat (ara ***Catherine Imperia Caruana vs. Olena Caruana Verbytska***, Appell Superjuri, 14/12/2018).

41. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma taqbilx mat-talba tal-atturi għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru billi dan mhux bażat fuq titolu eżekuttiv. It-titolu eżekuttiv hija s-sentenza; hi biss l-estensjoni tal-obbligazzjonijiet tal-atturi taħt dik is-sentenza li qed tiġi determinata f'dawn il-proċeduri. B'din il-kawża, hija l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza li ġiet impunjata, u għalhekk il-Qorti se tkun qed tilqa' t-talbiet tal-atturi sa fejn dawn jimpunjaw dik l-eżekuzzjoni.

42. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza;

(ii) tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet;

(iii) tilqa' t-tielet talba fis-sens li tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti m'għandhomx titolu eżekuttiv fil-konfront tal-atturi fl-ammont sħiħ ta' disat elef mija u ħamsin Ewro (€9,150) billi dan l-ammont jirrappreżenta infiq għal xogħlijiet li ma sarux kollha ai termini tas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* (Ċit. Nru. 781/2011 JPG);

(iv) tiċħad ir-raba' talba;

(v) tilqa' l-ħames talba limitatament billi tirrevoka l-effetti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 700/2019 fl-ismijiet *John Brian Engerer u martu Emily Engerer vs Carmelo Ebejer u martu Iris Ebejer* sa fejn jolqot l-ammont ta' disat elef mija u ħamsin Ewro (€9,150) u tordna li minflok ikollu effett biss għall-ammont ta' elfejn ħames mija tnejn u erbgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€2,542.90);

(vi) tiċħad is-sitt talba, billi l-ammont żbankat kien effettivament dovut tant li għad baqa' bilanċ dovut lill-konvenuti mill-atturi;

(vii) konsegwentement tiċħad is-seba' talba;

(viii) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, tenut kont tar-rebħ u t-telf relattiv kif ukoll tal-fatt li kien in-nuqqas tal-atturi li jeżegwixxu s-sentenza b'mod diliġenti li wassal għal din it-tilwima.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur